MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2003

Numru.

**Il-Pulizija**

**v.**

**Emanuel Vella**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Emanuel Vella talli nhar it-Tnejn, 25 ta' Frar, 2002 ghal habta tal-4.30pm kkommetta vjolazzjoni tal-proprjeta` fil-pussess ta' Vincent Buhagiar maghrufa bhala ta' Qasam San Gorg, fil-limiti ta' Santa Lucija, Kercem (Ghawdex) billi minghajr ebda dritt qabad u dahal fil-proprjeta` msemmija bil-vettura tal-marka Isuzu bin-Nru. IAU 576;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-5 ta' Gunju 2002 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Emanuel Vella hati skond l-imputazzjoni dedotta

kontra tieghu u, wara li rat l-Artikolu 340(d) tal-Kap. 9, ikkundannatu ammenda ta’ ghoxrin lira (Lm 20);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Emanuel Vella, minnu ppresentat fl-24 ta’ Gunju, 2002, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi n-noti ta’ osservazzjonijiet tal-parti civili, ta’ l-Avukat Generali u ta’ l-appellant; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fid-diversi udjenzi; ikkunsidrat:

Dana l-appell jirrigwarda incident naxxenti minn dritt ta’ passagg vantat minn Emanuel Vella[1] fuq art tal-Gvern li pero` tinsab imqabbla ghand Vincent Buhagiar. Biex l-appellant jidhol fil-ghalqa tieghu jrid jghaddi minn passagg li jinsab fuq l-art li hi fil-pussess ta' dan Buhagiar. Ma hux kontestat li Vella ghandu dana d-dritt ta’ passagg; dak li qed jigi kontestat minn Buhagiar huwa l-fatt li fix-xitwa dana d-dritt ta’ passagg hu limitat ghal passagg bir-rigel jew bil-mohriet b’mod ghalhekk li f’dan iz-zmien wiehed ma jistax jghaddi mill-passagg b’vetturi; id-dritt ta’ passagg bil-vetturi jezisti biss fis-sajf. In fatti, skond Buhagiar, filwaqt li fix-xitwa huwa jhalli biss massimu ta’ erba’ piedi mill-art tieghu mhux koltivata (biex b’hekk dak li jkun ikun jista’ jghaddi bir-rigel jew bil-mohriet mill-passagg hekk imholli), fis-sajf ihalli bjen tmienja jew ghaxar piedi mhux mahduma ghall-finijiet ta’ dan il-passagg (ara d-deposizzjoni ta’ Vincent Buhagiar moghtija fil-5 ta’ Awissu, 2002). Vella, li mhux jikkontesta li fil-25 ta’ Frar tas-sena l-ohra huwa ghadda mill-passagg in kwistjoni bil-vettura, bazikament jippretendi li huwa ghandu dritt jaghmel hekk ghax haddiehor ghandu jew inghata d-dritt li jgahddi minn dak il-passagg bil-vetturi ukoll fix-xitwa.

Ghandu jigi precizat, qabel xejn, li l-appellant Vella qieghed jappella kemm mis-sentenza tal-5 ta’ Gunju, 2002 kif ukoll mid-digriet, moghti fl-istess gurnata, li permezz

[1] F’din is-sentenza jissemmew zewg persuni bl-isem ta’ Emanuel Vella: l-appellant u persuna li l-appellant ried itella’ bhala xhud u li insertat jisimha bhalu.

tieghu l-ewwel qorti cahditlu t-talba sabiex, skond hu, “jressaq provi ulterjuri”. Proprjament it-talba, kif tirrizulta mill-verbal ta’ l-udjenza tal-5 ta’ Gunju, 2002, kienet ghal “differiment biex igib aktar provi”; jigifieri x-xhud jew xhieda ma kienux gew imharrka ghall-5 ta’ Gunju, 2002. Issa, kif inhu risaput, f’kawzi ta’ natura sommarja, bhalma kien dan il-kaz, il-provi kollha ghandhom jingiebu, kemm mill-prosekuzzjoni kif ukoll mid-difiza, fl-udjenza li fiha l-kawza tkun ser tinstema’ – Artikoli 374(*i*) u 375(c) tal-Kodici Kriminali (salv, naturalment, is-sitwazzjoni li tista’ tinholoq jekk xhud, debitament notifikat, ma jidhirx, jew jekk xhud mitlub fi zmien utili mid-difiza ma jkunx gie notifikat mill-Pulizija Ezekuttiva; kif ukoll salv is-sitwazzjoni li tista’ tinholoq meta parti ma tkunx tista’ ragjonevolment tkun taf, fi zmien utili sabiex jitharrek, bl-ezistenza ta’ xi xhud; u, finalment, salv ukoll cirkostanzi specjali, ez. numru konsiderevoli ta’ xhieda, li jwasslu lill-qorti sabiex tordna li x-xhieda, jew xi whud minnhom, jinstemghu fi granet differenti). L-appellant, kemm fir-rikors ta’ appell tieghu kif ukoll fin-nota ta’ sottomissjonijiet tal-25 ta’ Ottubru, 2002, jghid li huwa sar jaf bix-xhud Emanuel Vella u b’huh biss waqt is-smigh tal-kawza quddiem l-ewwel qorti. L-iskop ta’ l-appellant li jipproduci lil dan Emanuel Vella u lil huh hu sabiex jipprova li Vincent Buhagiar (jew huh Mario Buhagiar) kienu ghamlu arrangamenti differenti ma’ dawn l-ahwa Vella ghal dak li jirrigwarda d-dritt ta’ passagg minn fuq l-art ta’ Buhagiar bil-vetturi fix-xitwa. Din il-Qorti, pero`, wara li ezaminat bir-reqqa d-deposizzjoni tal-appellant Emanuel Vella moghtija fil-5 ta’ Awissu, 2002 hi tal-fehma li l-appellant kien jaf qabel il-5 ta’ Gunju, 2002 bl-ezistenza ta’ xi arrangement specjali ma’ l-ahwa Vella, u dan minn dak li kien josserva fil-wicc tal-passagg. Infatti l-appellant xehed hekk:

***Jien naqbel li qabel ma’ kien hemm l-arrangament ma’ l-ahwa Vella, il-posizzjoni kienet li fis-sajf tista’ tghaddi bil-vetturi mentri fix-xitwa kont tista’ tghaddi bir-rigel biss jew, di piu`, bil-mohriet.***

***Jien sirt naf b’dan l-arrangament ma’ l-ahwa Vella, jigifieri li Buhagiar ghamlu ma’ l-ahwa Vella, mill-mod kif kont nara l-wicc tal-passagg.***

***Jien ma kelli [b]l-ebda mod x'naqsam ma' dan l-arrangament li kien sar bejn…Vincent Buhagiar u Mario Buhagiar u l-ahwa Vella, anzi nippreciza bejn Mario Buhagiar u l-ahwa Vella.***

Kienet ghalhekk gustifikata l-ewwel qorti li tichad it-talba ta' l-appellant, allura imputat, ghal differiment sabiex iressaq "iktar provi", peress li hu kien jaf, jew seta ragjonevolment ikun jaf, b'dawn il-provi qabel is-smigh tal-kawza. Inoltre, kif ser jigi spejegat aktar 'l quddiem, id-deposizzjoni ta' l-ahwa Vella (kif ukoll tal-Kummissarju ta' l-Art) hija, fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, irrelevanti ghall-meritu ta' l-imputazzjoni migjuba kontra l-appellant u ghar-reat li tali imputazzjoni tipotizza. Ghalhekk din il-Qorti qed tichad it-talba ta' l-appellant li jipproduci bhala xhud lil Emanuel Vella u lill-Kummissarju ta' l-Art, u f'dan is-sens tikkonferma d-digriet tal-Qorti Inferjuri tal-5 ta' Gunju, 2002.

Fil-meritu jirrizulta, kif inghad, li l-appellant ghandu dritt ta' passagg minn fuq l-art ta' Buhagiar. Mill-kumpless tal-provi din il-Qorti hi sodisfatta li l-arrangament li kien hemm bejn Vincent Buhagiar u l-appellant – arrangament li jidher li kien imur lura ghaz-zmien meta l-art in kwistjoni kienet f'idejn missier Vincent Buhagiar – kien li l-appellant jista' jghaddi fix-xitwa bir-rigel jew bil-mohriet izda mhux bil-vetturi; dawn il-vetturi kienu permessi li jintuzaw biss fis-sajf. Huwa evidenti li ghal dak li jirrigwarda l-appellant huwa assolutament irrelevanti x'arrangamenti setghu ghamlu l-ahwa Vella ma' Mario Buhagiar jew addirittura ma' l-sitess Vincent Buhagiar. Jirrizulta wkoll pruvat li fil-gurnata indikata fl-imputazzjoni l-appellant dahal bil-vettura tieghu mill-passagg in kwistjoni b'mod li biex dahal u biex rega' hareg necessarjament ghaffeg xi ftit qamh li kien hemm fil-genb (peress li l-passagg kien biss ta' erba' piedi). U huwa proprju in konnessjoni mat-tghaffig ta' dan il-qamh li tqum it-tieni kwistjoni fil-meritu sollevata mill-appellant: huwa jikkontendi li ma jistax jinstab hati tal-kontravvenzjoni kontemplata fl-Artikolu 340(d) tal-Kodici Kriminali peress li hu effettivament ma kkaguna ebda hsara materjali lil Buhagiar, u dan blli l-qamh fil-genb tal-

passagg kien diga mghaffeg minn xi hadd iehor li precedentement kien dahal bil-vettura (l-alluzjoni hija, evidentement, ghall-ahwa Vella). Anke Vincent Buhagiar, fid-deposizzjoni tieghu tal-5 ta’ Awissu, 2002, jammetti li l-qamh kien diga mghaffeg meta rega’ ghadda minn fuqu l-appellant. Skond l-appellant, ghalhekk, “ma saret ebda hsara” fl-art in kwistjoni b’mod li hu karenti wiehed mir-riekwiziti ghall-integrazzjoni tar-reat.

Din il-Qorti ma taqbilx. Appart l-fatt li aktar ma tghaddi minn fuq qamh mgahffeg aktar qed izzid il-hsara – il-ftit qamh li jkun ghadu tajjeb biex jingabar jew jinhasad jerga’ jigi kalpestat u zgur ma jibqa’ tajjeb ghal xejn – il-hsara ravvizata fil-paragrafu (d) ta’ l-Artikolu 340 mhix semplicement hsara kwantifikabbli fi flus, bhalma hu, per ezempju, il-kaz tal-hsara kagunata bis-serq (Art. 267, 279, 285, u 334(a) Kap. 9), jew tal-hsara konsegwenti ghal reati ta’ frodi (Art. 310) jew ghar-reat ta’ hsara volontarja fi proprjeta` mobbli jew immobbli (Art. 325). Il-hsara kontemplata fl-Artikolu 340(d) tavvera ruhha kull darba li, bil-vjolazzjoni tal-prorpjeta` li tkun saret, is-sid jew id-detentur ta’ dik il-proprjeta` jkun sofra <u>xi pregudizzju</u> anke jekk mhux kwantifikabbli fi flus jew li ma jkunx jikkonsisti fi hsara materjali. In fatti f’dan is-sens hija aktar korretta l-espessjoni wzata fit-test Ingliz tad-disposizzjoni in dizamina – *“…to the <u>prejudice</u> of the owner or holder thereof…”*. Hekk, per ezempju, gie ritenut li anke s-semplici skomodu li wiehed irid joqghod inehhi karta mwahhla fuq il-*windscreen* ta’ vettura qabel ma jkun jista’ jibda jsuqha jammonta ghall-hsara ravvizata fl-Artikolu 340(d) (***Il-Pulizija v. Gianni Nicola Cassar***, Qorti Kriminali, 1/3/1958 – f’dan il-kaz il-vjolazzjoni kontra l-proprjeta` kienet tikkonsisti fis-semplici manumissjoni tal-vettura biex titwahhal il-karta). Hekk ukoll fil-kaz ***Il-Pulizija v. Philip Agius*** (Qorti Kriminali, 25/1/1958) gie ritenut li l-hsara in kwistjoni tista’ tikkonsisti semplicement filli xi hadd jezercita dritt fuq bicca art b’menomazzjoni tad-drittijiet tas-sid jew tad-detentur ta’ dik l-art. Gie ritenut ukoll li meta bejn il-gabillotti jkun hemm arrangamenti dwar, fost affarijiet ohra, moghdijiet, l-invazjoni tar-raba’ tammonta ghal hsara fis-sens ta’ l-imsemmija disposizzjoni u dan peress li tali invazjoni tiddisturba l-

imsemmija arrangamenti li jirregolaw id-drittijiet ta’ l-istess gabillotti *inter se* (***Il-Pulizija v. Anthony Gauci et***, Qorti Krminali, 19/4/1958). Huwa veru li fil-kaz *de quo*, u skond id-deposizzjoni ta’ l-istess appellant, fil-25 ta’ Frar tas-sena l-ohra kienet l-ewwel darba li huwa kien dahal minn fuq il-passagg imsemmi bil-vettura fix-xitwa; pero` huwa veru wkoll li f’cirkostanzi simili Vincent Buhagiar ghamel sew li rreagixxa tempestivament bi kwerela u dana minhabba l-biza li, kif jinghad, “jitrabba l-gust”. Ghalhekk ma hix korretta t-tezi ta’ l-appellant li l-hsara trid tkun “materjali” u “effettiva” (kif jidher li gie ritenut fis-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-18 ta’ Lulju, 1949 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Grazio Mifsud***) jekk b’dawn iz-zewg kelmiet wiehed jeskludi l-prejudizzju b’mod generali kif aktar ‘l fuq imfisser. Fic-cirkostanzi, ghalhekk, din il-Qorti tara li s-sentenza ta’ l-ewwel qorti ghandha tigi konfermata.

Ghall-motivi premessi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

--------------------------------TMIEM--------------------------------